

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10065/1/26
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0420 (COD)

CLIMA 304
ENV 612
TRANS 386
MI 581
CODEC 1084

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex jiġi emendat ir-regolament dwar l-istandards ta' prestazzjoni tas-CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet ġodda (imsemmija bħala l-proposta dwar standards tas-CO₂)¹. Hija tinkorpora wkoll regoli dwar it-tikkettar tal-vetturi.
2. Il-proposta ġiet ippreżentata bħala parti minn pakkett dwar il-karozzi li jinkludi wkoll proposta dwar Vetturi korporattivi nodfa u proposti għas-Simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-karozzi (omnibus awtomobilistiku).

¹ Id-dokument 17010/25 + ADD1.

3. Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi approċċ aktar flessibbli u newtrali għat-teknoloġija, filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, u tibqa' fit-triq tan-newtralità klimatika, tikkontribwixxi għas-sigurtà u l-indipendenza tal-enerġija billi titbiegħed mill-użu fossili fit-trasport bit-triq u żżomm il-prevedibbiltà għall-manifatturi u għall-investituri fi tranżizzjoni ġusta lejn mobbiltà b'emissjonijiet zero.

Hija tnaqqas b'mod partikolari l-miri tal-2035 għall-karozzi u l-vannijiet minn 100 % għal 90 % u l-mira tal-2030 għall-vannijiet minn 50 % għal 40 % u tintroduċi flessibbiltajiet ġodda għall-manifatturi biex jilħqu l-miri speċifiċi tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet: il-valutazzjoni tal-konformità hija proposta li tkun pluriennali fil-perjodu mill-2030 sal-2032, sal-2034 super krediti għal karozzi elettriċi żgħar "magħmula fl-UE", u mill-2035 krediti għall-użu ta' fjuwils rinnovabbli sostenibbli u krediti għal azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju "magħmula fl-UE". L-aħħar żewġ flessibbiltajiet għandhom jintużaw għall-kumpens tal-emissjonijiet li jifdal biex tiġi żgurata n-newtralità klimatika tal-proposta. Dawn itejbu n-newtralità teknoloġika u jqisu t-tnaqqis tal-emissjonijiet lil hinn mill-iżbakk tal-egżost.

4. Il-Kunsill (Ambjent) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta fis-17 ta' Marzu 2026, li ffoka fuq l-elementi ewlenin tal-proposta, jiġifieri l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-flessibbiltajiet il-ġodda.
5. Fil-Parlament Ewropew, Massimiliano SALINI (PPE, IT) inġatar rapporteur f'isem il-Kumitat ENVI. Votazzjoni fil-plenarja hija mistennija f'Novembru 2026.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fid-29 ta' April 2026. Il-Kumitat tar-Reġjuni għadu ma tax l-opinjoni tiegħu dwar din il-proposta.
7. Hawn taħt, il-Presidenza tistabbilixxi l-progress miksub s'issa dwar il-proposta u tipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa lejn is-sitwazzjoni attwali tal-kwistjonijiet pendenti ewlenin.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Ġenerali

8. Il-proposta dwar l-istandards tas-CO₂ ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent f'diversi laqgħat, l-aktar tard fil-21 ta' Mejju 2026.

9. Id-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Ambjent f'Marzu u l-eżami bir-reqqa fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma ppermettew li jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin fil-proposta u l-pożizzjonijiet ġenerali tad-delegazzjonijiet dwarha. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet għandhom riżervi ta' skrutinju dwar it-test kollu jew partijiet minnu.
10. Barra minn hekk, żewġ dispożizzjonijiet ewlenin fil-proposta: is-super krediti għal karożżi elettriċi żgħar "magħmula fl-UE" u l-krediti għal azzar "b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" "magħmula fl-UE" huma interkonnessi mill-qrib mal-proposta omnibus awtomobilistiku u l-proposta għal "Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali" (IAA). Il-proposta tal-IAA ġiet ippreżentata biss fl-4 ta' Marzu 2026, u l-eżami għadu fi stadju relattivament bikri. Saret diskussjoni dwar id-dispożizzjonijiet interkonnessi fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-5 ta' Ġunju 2026.
11. Filwaqt li l-Presidenza kompliet il-ħidma fuq l-elementi kollha tal-proposta, f'termini konkreti, f'dan l-istadju hija ffukat fuq il-ħolqien ta' kompromess b'mod partikolari dwar it-tikkettar u kwistjonijiet aktar tekniċi. Dan irriżulta fi qbil ġenerali dwar l-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, madankollu b'xi kwistjonijiet pendenti, prinċipalment dwar vetturi użati u l-inklużjoni fit-tikketta tal-effiċjenza enerġetika tal-vetturi. Xi kwistjonijiet pendenti oħra huma marbuta mal-kwistjonijiet ewlenin tal-proposta.
12. Hija l-valutazzjoni ġenerali tal-Presidenza li aktar progress dwar il-proposta ser jeħtieġ li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet pendenti ewlenin kollha bħala parti minn kompromess ġenerali bbilanċjat.

Kwistjonijiet pendenti ewlenin

13. Mill-bidu tal-eżami tal-proposta, kien ċar li l-kwistjonijiet politiċi ewlenin jevolvu madwar il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2035 u l-2030 u l-flessibbiltajiet il-ġodda. Fl-isfond ta' settur awtomobilistiku Ewropew li qed jiffaċċa sfidi relatati mal-kostijiet tal-produzzjoni, il-kapaċità żejda u ż-żieda fil-kompetizzjoni globali, id-dibattitu ffoka fuq is-sejbien tal-bilanċi t-tajba bejn li nibqgħu fit-triq lejn in-newtralità klimatika u li nixprunaw l-elettrifikazzjoni filwaqt li nipprovdur lill-manifatturi b'aktar għażliet u flessibbiltajiet biex jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u b'hekk insaħħu n-newtralità teknoloġika, filwaqt li niżguraw industrija awtomobilistika b'saħħitha u kompetittiva fl-UE. Naħa waħda tal-argument tqis il-flessibbiltà għall-manifatturi u n-newtralità teknoloġika bħala kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industrija filwaqt li n-naħa l-oħra tqis it-tkomplija tal-perkors u l-pass lejn l-elettrifikazzjoni bħala t-triq 'il quddiem biex il-kompetittività tibqa' valida fil-futur.

F'dak il-kuntest, għadd ta' delegazzjonijiet jixtiequ jespandu d-definizzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero biex tinkludi vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils "b'livell żero ta' karbonju". Dawn id-delegazzjonijiet jipproponu li "b'livell żero ta' karbonju" tiġi definita bħala li tkopri t-tipi kollha ta' fjuwils rinnovabbli elenkati fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED). Delegazzjoni waħda tixtieq tespandi d-definizzjoni għal "fjuwils rinnovabbli, inkluż bijofjuwils avvanzati". Delegazzjonijiet oħrajn huma kontra dan meta jitqies li d-definizzjoni jenħtieġ li tkompli tkun ibbażata fuq l-emissjonijiet mill-iżbokk tal-egżost. Delegazzjoni waħda tissuġġerixxi li nimxu lejn approċċ ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ.

Tressqu wkoll kunsiderazzjonijiet dwar id-differenzi bejn l-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-adozzjoni ta' vetturi elettriċi u l-introduzzjoni tal-infrastruttura.

a) Miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

Għadd ta' delegazzjonijiet għadhom ma esprimew l-ebda pożizzjoni finali jew konkreta dwar il-miri proposti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-pożizzjonijiet li ġew espressi jvarjaw ħafna.

14. Mira għall-2030 għall-vannijiet

Filwaqt li xi delegazzjonijiet esprimew appoġġ espliċitu għat-tnaqqis tal-mira tal-2030 għall-vannijiet minn 50 % għal 40 %, ħafna delegazzjonijiet għandhom riżervi dwar is-sustanza jew għadhom qed jivvalutaw il-proposta. Għadd ta' delegazzjonijiet, filwaqt li jilqgħu d-direzzjoni meħuda, jappellaw għal aktar tnaqqis tal-mira minħabba l-ostakli strutturali għall-adozzjoni ta' vannijiet elettriċi. Oħrajn għandhom riżervi dwar it-tnaqqis tal-mira, u jiddubitaw il-ħtieġa għal dan. Delegazzjoni waħda appellat b'mod espliċitu biex titnaqqas il-mira tal-2030 anke għall-karozzi tal-passiġġieri.

Jidher li hemm appoġġ wiesa' għall-medja ta' tliet snin għall-konformità mal-mira tal-2030 (kemm il-karozzi kif ukoll il-vannijiet). Xi wħud għandhom riżervi dwar il-medja, filwaqt li għadd ta' delegazzjonijiet jargumentaw li hija meħtieġa aktar flessibbiltà u jixtiequ jestenduha għal ħames snin, xi wħud saħansitra għall-mira tal-2025. Oħrajn jopponu estensjoni ġenerali għal ħames snin.

15. Mira għall-2035 għall-karozzi u l-vannijiet u obbligu li jiġu kkompensati l-emissjonijiet li jifdal

Xi delegazzjonijiet indikaw appoġġ għall-mira ta' 90 % flimkien mal-obbligu li jiġu kkompensati l-emissjonijiet li jifdal, b'xi wħud jappellaw ukoll biex jiġi żgurat li t-tnaqqis tal-emissjonijiet ikun konformi mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Oħrajn iddikjaraw li jistgħu jappoġġaw id-90 % b'ċerti riżervi, b'mod partikolari li d-90 % jenħtieġ li jkunu mingħajr kundizzjonijiet jew tal-anqas ikkumpensati parzjalment biss u/jew li l-flessibbiltajiet għall-manifatturi biex jilhq u l-miri speċifiċi tagħhom jiżdiedu u jitwessgħu biex jirriflettu r-realtajiet tas-suq. Xi delegazzjonijiet huma favur aktar tnaqqis tal-miri tal-2035 kemm għall-karozzi kif ukoll għall-vannijiet jew għall-vannijiet biss, u jiddubitaw il-fattibbiltà tal-miri proposti.

Min-naħa l-oħra, għadd ta' delegazzjonijiet jikkritikaw it-tnaqqis tal-miri għall-2035. Xi wħud jixtiequ jżommu mal-miri attwali ta' 100 %, filwaqt li jirreferu għal kunsiderazzjonijiet bħall-miri tagħhom tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, il-ħtieġa li jintbagħat sinjal ċar għall-elettrifikazzjoni u li jkunu konformi mal-oġġettivi fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Xi wħud taw indikazzjonijiet li r-riżervi tagħhom huma marbuta max-xettiċiżmu tagħhom dwar jekk il-mekkaniżmu ta' kumpens bil-krediti hux ser iwassal għall-istess tnaqqis fl-emissjonijiet bħall-miri attwali.

b) Flessibbiltajiet

16. Mira għall-2030 għall-karozzi - super krediti għal "vetturi elettriċi żgħar magħmula fl-UE"

Jidher li hemm appoġġ wiesa' għall-kunċett ta' super krediti għal karozzi żgħar, iżda għadd ta' delegazzjonijiet jappellaw għal bidliet fil-proposta konkreta jew għandhom riżervi ta' skrutinju dwar elementi partikolari tagħha. B'mod partikolari, għadd ta' delegazzjonijiet iqisu li jenħtieġ li approċċ teknoloġikament newtrali jippermetti wkoll super krediti għal karozzi żgħar li jaħdmu esklużivament bi fjuwils b'livell żero ta' karbonju/rinnovabbli. Xi wħud jissottolinjaw li l-affordabbiltà ta' karozzi żgħar bħal dawn hija element ewlieni fil-valutazzjoni tagħhom tad-dispożizzjoni.

Madankollu, xi delegazzjonijiet għandhom riżervi relatati mal-kunċett, xi wħud jixtiequ jestenduh ukoll għal karozzi elettriċi akbar, u delegazzjoni waħda tirrifjuta l-proposta kompletament.

Id-definizzjoni ta' "vettura elettrica żgħira" hija proposta fl-omnibus awtomobilistiku, li l-ftehim dwaru għadu pendent fi ħdan il-Kunsill.

Dwar "magħmul fl-UE" ara hawn taħt.

17. Miri għall-2035 għall-karozzi u l-vannijiet – krediti tal-fjuwil u l-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju magħmula fil-krediti tal-UE

Fir-rigward tal-krediti tal-fjuwil, ħafna delegazzjonijiet għandhom riżervi dwar id-dispożizzjoni, jew għax għalihom ma tagħtix biżżejjed flessibbiltà jew għax ma tappoġġax biżżejjed in-newtralità teknoloġika jew minħabba li għandhom dubji dwar l-integrità ambjentali tal-proposta u minħabba li tibgħat sinjali ħżiena lis-suq. Għadd ta' delegazzjonijiet iridu jespandu d-dispożizzjoni, inkluż billi japplikawha qabel l-2035 u/jew iżidu l-perċentwal ta' krediti u/jew jestendu t-tip ta' bijofjuwils. Għadd ta' delegazzjonijiet jappoġġaw li jenħtieġ li vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils b'livell żero ta' karbonju/rinnovabbli jitqiesu bħala vetturi b'emissjonijiet żero. F'dak il-kuntest, qed jiġi propost li l-fjuwils kollha elenkati fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli jiġu koperti bl-istess mod. Min-naħa l-oħra, grupp ieħor ta' delegazzjonijiet għandu riżervi qawwija, bl-argument li l-flessibbiltà mhux ser twassal għal tnaqqis addizzjonali fl-emissjonijiet, ser tiddevja l-provvista lil hinn mis-setturi (tal-avjazzjoni u dawk marittimi) li jeħtieġu dawn il-fjuwils fin-nuqqas ta' alternattivi ta' dekarbonizzazzjoni u ser iddgħajef il-messaġġ favur l-elettrifikazzjoni. Huma jopponu li l-vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils b'livell żero ta' karbonju/rinnovabbli jitqiesu bħala vetturi b'emissjonijiet żero.

Fir-rigward tal-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, hemm appoġġ pjuttost wiesa' jew tal-anqas attitudni miftuħa għall-kunċett u l-għan li jiġi stimulat suq ewlieni għall-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju magħmul fl-UE. Xi wħud iridu japplikaw il-krediti qabel l-2035 u xi wħud jitolbu li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-krediti, b'mod partikolari għall-aluminju. Madankollu, id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali għandhom mistoqsijiet dwar il-metodoloġija u l-parametri għad-definizzjoni tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li ser jiġu stabbiliti f'att delegat skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn.

Dwar "magħmul fl-UE", ara hawn taħt.

18. Xi delegazzjonijiet għandhom riżervi dwar ir-restrizzjoni tal-akkomunament għal manifatturi konnessi, bl-argument li dan ser iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

19. "Magħmul fl-UE" u rabtiet mal-proposta tal-IAA

Minħabba li l-eżami tal-proposta tal-IAA għadu fil-fażijiet bikrija tiegħu, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet s'issa kellhom riżervi ta' skrutinju u mistoqsijiet dwar "magħmul fl-UE" u kif imsemmi hawn fuq dwar l-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Xi delegazzjonijiet esprimew appoġġ sħiħ jew tal-inqas parzjali għall-kunċett "magħmul fl-UE". Għal ftit delegazzjonijiet, dan huwa element ewlieni tal-proposta dwar l-istandards tas-CO₂ sabiex jiġu inċentivati investimenti kontinwi fil-produzzjoni bbażata fl-UE u jitnaqqsu d-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet. Oħrajn esprimew id-dubji tagħhom dwar il-kunċett "magħmul fl-UE", u qajmu dubji dwar il-kompatibbiltà tiegħu mal-obbligi internazzjonali u l-effettività tiegħu fil-preservazzjoni tal-ktajjen tal-valur għall-manifatturi.

20. Rieżami

Għadd ta' delegazzjonijiet iqisu r-rieżami tar-regolament previst għall-2035 tard wisq b'xi wħud jappellaw għall-inklużjoni ta' aktar dettalji dwar il-kontenut tar-rieżami. Oħrajn ma jaraw l-ebda hteġa li r-rieżami jiġi avvanzat.

21. Fattur ta' utilità għal vetturi ibridi plug-in

Għalkemm mhux parti mill-proposta dwar l-istandards tas-CO₂, grupp ta' delegazzjonijiet appellaw għall-iffriżar tal-hekk imsejjaħ "fattur ta' utilità" għal vetturi ibridi plug-in, filwaqt li grupp ieħor jopponi dan. Il-"fattur ta' utilità" huwa użat biex jikkalkula l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil ta' dawn il-vetturi. Dan jiġi ddeterminat abbażi tal-proporzjon stmat bejn is-sewqan fil-modalità elettriċa u fil-modalità b'magna tal-kombustjoni. L-aġġornament tal-fattur ta' utilità ġie adottat permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja biex jiġi żgurat li l-emissjonijiet tas-CO₂ jirriflettuh aħjar l-emissjonijiet fid-dinja reali ta' dawn il-vetturi u ser japplika mid-29 ta' Novembru 2026.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress u jibagħtu lill-Kunsill (Ambjent) bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2026.